MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2010

Numru. 445/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALELF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**WAEL MAHMOUD DAWAH ta’ 44 sena, iben Mahmoud u Aida, imwieled gewwa s-Sirja nhar it-12 ta’ Awissu, 1965, prezentament minghajr residenza fissa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 031831A;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi WAEL MAHMOUD DAHAW li gie akkuzat talli:

Nhar it-30 ta’ April, 2010 ghall-habta tas-7.00 ta’ fil-ghaxija, fi Pjazza Helsien, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ basket (handbag) liema serq hu aggravat bil-valur tal-

oggetti misruqa, ghad-dannu ta' Marite Kucinske, turista mill-Latvia, Art 267, Kap 9.

Rat l-ammissjoni bikrija tieghu li fuqha baqa' jippersisti;

Semghet id-debita trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li fuq ammissjoni, qieghda ssibu hati ta' l-istess, u dan wara li rat l-akkuzi skond l-Artikoli 261, 267, 279, 579(2), 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat dwar il-piena l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, semghet li l-imputat huwa afflitt minn problema ta' droga, kif ukoll problemi familjari.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279, 579(2), 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib htija u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' disa' (9) xhur habs, u dan wara li rat l-Artikoli 279 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------